MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 433/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Pierre Mizzi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Pierre Mizzi**

**vs**

**John Brownrigg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-ligi:**

**1. Illi jhallas lill-atturi s-somma totali ta' elf seba' mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM1,762.52,0), jew somma ohra verjuri, in kwantu ghall-ammont ta' elf sitt mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM1,662.52,0) jew somma ohra verjuri, lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Pierre Mizzi, assigurat taghha, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), lill-attur Pierre Mizzi, ammont rapprezentanti *"excess payment"* skond il-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Marzu, tas-sena 2001 ghall-habta ta' 11.50a.m. gewwa limiti tal-Licensing Office, Floriana, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBD-229 proprjeta' ta' l-attur Pierre Mizzi u l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta' registrazzjoni OTD-015, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Settembru tas-sena 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' Middle Sea Insurace p.l.c. tramite l-agent taghhom Allcare Insurance Agency Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-24 ta' Settembru tas-sena 2001, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-eccipjenti John Brownrigg huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b’tort ta’ John Brownrigg pero’ b’tort ta’ Elaine Mizzi sewwieqa tal-vettura numru KBD-229 u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghall-ebda hals ta danni;**

**2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak hawn premess id-danni reklamati huma esagerati;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-premess il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-8 ta’ Marzu tas-sena 2001 ghall-habta ta’ l-11.50 ta’ filghodu fl-inhawi ta’ fejn prezentement hemm l-ufficju tal-licenzji, fil-lokalita’**

**maghrufa bhala "Foss Korni", il-Floriana, (ara Rapport fol 37);**

**2. Illi fl-incident de quo kienu nvoluti Elaine Mizzi li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Daihatsu Cuore bin-numru ta' registrazzjoni KBD-229 fid-direzzjoni lejn il-Marsa u l-konvenut John Brownrigg li kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni OTD-015 fid-direzzjoni lejn il-Floriana;**

**3. Illi l-incident in dizamina sehh meta l-konducenti fuq indikati kienu qed iduru f'direzzjoni opposta mal-kantuniera indikata fl-iskizz fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 36);**

***4.*** **Illi l-konduttrici Mizzi issostni li kienet qed issuq "*bil-mod u kont ghadni kemm startjajt. Il-karozza l-ohra involuta fl-incident mieghi rajtha gejja lejja bi speed qawwi"*, (ara fol 16);**

**5. Illi l-istess konduttrici ssostni li bid-daqqa l-vettura taghha "*qabzet*" u "*minn naha ta' wara qisha dahlet 'l gewwa u min-naha ta' quddiem harget 'l barra. Id-daqqa hadtha bejn il-bieba u l-mudguard*", (ara fol 16);**

**6. Illi rizultat ta' din il-kollizzjoni it-tyre tax-xellug ta' wara tal-vettura assigurata mis-socjeta' attrici inqala' minn postu, (ara fol 16);**

**7. Illi l-konvenut minn naha tieghu jistqarr bi frankezza li meta wasal f'post "*fejn hemm kantuniera kerha…sibt karozza ma' wicci",* (ara fol 58);**

**8. Illi skond id-dokumenti in atti jirrizulta li l-hsarat sofferti mill-vettura assigurata mas-socjeta' attrici huma debitament ipprovati;**

**9. Illi hu pacifiku li l-assikurazzjoni attrici ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assigurat taghha u giet debitament surrogata fid-drittijiet tieghu;**

**10. Illi l-attur Mizzi jirrizulta li sofra wkoll d-dannu ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), bhala pagament "excess" li kellu jizborsa minhabba dan l-istess incident stante li hu proprjetarju tal-vettura tal-marka Daihatsu Cuore KBD-229 fuq indikata involuta fl-incident de quo;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm l-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura jirrizulta li hu sostanzjalment korrett, intefa dawl negattiv fuqu mill-atturi stante li gie minnhom allegat li l-vetturi nvoluti ma gewx indikati sew fl-istess skizz;**

**Illi din il-kwistjoni assumiet certa importanza stante li indikazzjoni preciza tghin ghall-ahjar risoluzzjoni tal-kaz;**

**Illi jidher assodat li l-versjoni ta' l-atturi hi verosimili u din il-qorti qed tiddikjara li qed tistrieh fuqha, (ara skizz a fol 44);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi assodat dan allura jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-konduttrici tal-vettura ta’ l-atturi kienet qed issuq b’velocita’ minimina hafna u allura b’kawtela;**

**2. Illi l-konvenut kien qed isuq b’velocita’ sostenuta liema velocita’ zgur mhix indikata ghall-lokalita’ fejn sehh l-incident de quo;**

**3. Illi di piu’, meta l-konvenut gie biex jissupera l-kantuniera fuq indikata minn ezami akkurat tal-fatti kif esposti f’din il-procedura, din il-qorti hi konvinta li l-istess konvenut issupera l-karreggjata tieghu u invada dik rizervata ghall-vetturi gejjin minn naha opposta;**

**4. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jkun unikament tenut responsabbli ghall-kollizjoni in dizamina;**

**Ghaldaqstant din il-qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut John Brownrigg unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta’ elf seba’ mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM1,762.52,0), fejn in kwantu ghall-elf sitt mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM1,662.52,0), lis-socjeta’ Fogg Insurance Agencies Limited, u ghall-mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), lil Pierre Mizzi;**

**3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi fuq indikati l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti mill-24 ta' Settembru tas-sena 2001, d-data ta' l-ewwel ittra ufficjali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------